# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru sitta w erbgħin (46) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru, 2015, fis-7:15pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier (skużata fid-9:20pm) |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit qalet it-talba u ppresediet is-seduta.

2. Il-laqgħa bdiet tard aktar milli kien skedat għaliex infetħu l-offerti tas-servizzi tal-Accountant.

3. Is-SE qara punt punt il-minuti u dawn kienu diskussi, korretti, emendati u approvati b'mod unanimu b'dak kollu li xtaqu jemendaw il-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti:**

4. Charlene Zammit qalet illi issa l-Pulizija qed jagħmlu aktar ronda f'Misraħ il-Fidwa.

5. Kien deċiż illi l-iskrivani tal-Kunsill iċemplu lir-residenti ta' Misraħ il-Fidwa sabiex jistaqsuhom jekk għandhomx oġġezzjoni għas-*sleeping policemen* u r-*rumble sticks* proposti fl-inħawi tal-bandli. Dan wara li kien hemm ħames risposti biss għall-ittra li kien bagħat il-KLM.

6. Kien deċiż fejn se jitwaħħlu eżattament id-*doggy bins* wara li dawn inġiebu minn għand il-fornitur mis-SE.

7. Kien diskuss il-kuntratt tal-knis tat-toroq u d-Deputat Sindku uriet minn fuq il-*mobile phone* tagħha xi ritratti ta' Sqaq l-Isptar fejn kienu jidhru xi karti u ħaxix ħażin, u qalet ukoll li Triq it-Torri Vincenti u quddiem l-iskola, fi Triq Valletta, m'humiex qed jitnaddfu. Il-KLM iddeċieda li jiġbed l-attenzjoni tal-kennies dwar dan.

8. Paul Spiteri qal li jidhirlu li skont it-*tender*, it-trab hu eskluż milli jinkines mill-kennies filwaqt li wara l-*bus-shelter* ta' Triq Karmenu Ciantar tnaddaf mil-ħaddiema tal-IPSL.

9. Is-sindku esebiet fuq il-*mobile phone* tagħha kumment li sar minn xi ħadd barrani illi kkummenta fuq l-indafa li hawn fir-raħal.

10. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex jirrapporta lid-dipartiment n-nuqqas ta' attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Michel Farrugia. Huwa qal li dan irid jiġi l-ewwel diskuss u deċiż f'laqgħa tal-Kunsill kif jesiġu l-istess regolamenti.

11. Is-Sindku talbet li jikbru ir-reċipjenti tal-iskart separat ta' quddiem l-iskola. Greenpak co-op se jkunu mitluba sabiex l-Imqabba tkun inkluża fir-rotta tal-vettura li tmur tbattal l-iskart riċiklat aktar spiss.

12. Il-fanal il-ġdid quddiem l-iskola issa twaħħal u se naraw li nixtrulu l-globi l-ġodda u jkun ikkonnettjat.

13. Issemmiet it-talba tagħna mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex tittieħed l-art permezz ta' esproprijazzjoni il-parti d-dejqa fi Triq Ganni Darmanin kantuniera ma Triq George Martin.

14. Is-Sindku qalet illi għandha appuntament mad-Direttur Sanitarju, s-Sur Clive Tonna bil-għan illi tittaffa' l-problema tal-ġrieden f'postijiet strateġiċi.

15. Dwar il-plot fi Triq Monsinjur Alfons Caruana kantuniera ma' Triq George Martin, is-Sindku qalet illi din tħammlet minn Joe Farrugia li kellu l-orħos offerta filwaqt li ġie jara ix-xogħol il-Kummissarju tal-Ambjent għall-Ombudsman, il-Perit David Pace. Hija qalet li madankollu bl-ebda' mod ma kien hemm insistenza mill-Ombudsman biex titħammel din il-plot sal-linja diviżorja.

16. Kien hemm ukoll suġġeriment biex il-KLM inaddaf il-ħajt tal-Matla kif ukoll iċ-ċint tal-ġibjun il-miftuħ mil-ħaxix ħażin.

17. Għall-appuntament mal-Onor Joe Mizzi, attenda is-SE, li ta d-dettalji lill-kunsillieri, ta' x'se jsir dwar it-trasport pubbliku. Madankollu il-KLM xorta għandu appuntament ieħor biex ikunu diskussi punti oħra li għandu x'jaqsam magħhom il-Ministeru tat-Trasport.

18. Kien hemm klarifika dwar in-nollijiet tax-xarabank kif dehru fil-fuljett minn tliet kunsillieri. Grace Marie Mallia spjegat illi hija ma xtaqitx toqgħod fil-bord editorjali tal-ħarġa ta' Awwissu propju minħabba l-artikli tal-kunsillier Paul Spiteri u Michel Farrugia. L-artiklu ta' Michel Farrugia kien deskritt bħala wieħed politiċizzat fuq temi nazzjonali u mhux dawk lokali.

19. Se nikkomunikaw mal-Kappillan tal-Parroċċa tagħna sabiex inġibu l-elettriku fil-kappella taċ-ċimiterju sabiex iżommilna fiha id-DVR ta' cctv camera li hu ttamat li titwaħħal fis-sit.

20. Dwar Ġieh l-Imqabba 2015, għalkemm l-applikazzjonijiet huma miftuħa sa nhar it-13 ta' Settembru, s'issa m'għandniex nomini. Is-Sindku qalet illi se nagħmlu appell fuq is-*social media* ħalli nippromwovu u nħeġġu lin-nies fl-istess ħin jinnominaw lil xi ħadd. Kien hemm diskussjoni dwar in-nomina ta' Nicholas Briffa b'mod awtomatiku qabel tmiem il-leġislatura. Il-kunsillieri kollha qablu li għalkemm skont ir-regolamenti Sindku jingħata Gieħ l-Imqabba fil-leġislatura sussegwenti għal dik li fiha jkun serva bħala Sindku, fiċ-ċirkostanzi straordinarji ta' din il-leġislatura, is-Sur Nicholas Briffa għandu jingħata Ġieħ l-Imqabba din is-sena mingħajr ma nistennew sal-leġislatura li jmiss. Proposta oħra kienet li kunsillier jieħu l-Ġieh l-Imqabba awtomatikament wara li jkun serva għal għaxar snin. Paul Spiteri qal li hemm bżonn li jkun ippreparat abbozz tar-regolamenti u jkun ikkunsidrat ukoll moratorju. Proposta oħra li ma kienetx milqugħa kienet li tkun impustata applikazzjoni mal-fuljett tal-Kunsill.

21. Bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba se mmorru nagħtu d-demm nhar l-24 ta' Ottubru kif kulħadd kien fil-fatt mistieden permezz tal-ħarġa li tqassmet f'Awwissu, tal-fuljett.

22. Charlene Zammit ipproponiet li ssir ikla is-Sibt wara l-kunċert, jew attivita' simili għal Festa Ravjul li l-qliegħ minnha jmur għal *Community Chest Fund*, jew entita' oħra kif propost fil-laqgħa mal-kappillan tal-bieraħ fl-istess post. Dwar din il-proposta ma kienx hemm qbil, għaliex wara diskussjoni intqal li din l-ikla tispiċċa attivita' għall-każin partikolari li jkun imissu jorganizza l-kunċert u ma jintlaħaqx il-għan li nagħqdu lill-komunita'. Il-KLM qabel illi din is-sena jorganizza attivita' matul il-jum tal-Ħadd li tibda' wara l-quddiesa tal-10:00am u tibqa' sejra sa fil-għaxija. Din l-attivita' se tkun organizzata bil-għajnuna ta' *2 Minds Events*, li kif għamlu f'Festa Ravjul, se jieħdu ħsieb il-palk, is-*sound u l-entertainment.* Ser jieħdu ħsieb jorganizzaw ukoll il-kukkanja. Dan kollu għal prezz ta' €700 li ser jitħallas mill-KLM.

23. Is-Sindku qalet li hemm bżonn li ninvolvu wkoll lill-każin tal-futbol b'logħob simili għal dak li ntlagħab fl-*Imqabba Youth Challenge* li ttellgħet is-sena li għaddiet. Kien hemm qbil li dan il-logħob isir fl-24 ta' Ottubru, 2015 wara nofsinhar.

**AGENDA**

24. Charlene Zammit qalet li l-pulizija talbu li l-KLM jirrikunsidra it-*traffic management* temporanju fil-festa għaliex qalu li dan m'għadux adekwat għall-volum ta' traffiku li jkun hawn fil-festi.

25. Grace Marie Mallia qalet li ġibdulha l-attenzjoni illi f'nhar il-festa, l-gwardjan tal-knisja ma tfaċċax. Bħas snin li għaddew, intbagħtet il-*Purchase Order* fejn ma kienx inkluż dan is-servizz. Kemm is-Sindku u s-SE kellmu lill-*Guard and Warden* dwar il-problema, li nfurmawna li l-gwardjan tal-Pjazza ser jieħu ħsieb il-Knisja wkoll.

26. Charlene Zammit qalet li tal-kabbani kważi ġew fl-idejn għaliex ma kellhomx spazju biżżejjed biex jimmanuvraw. Intant dwar il-posti, is-SE qal li dawn ilhom l-istess daqs, sa minn 21 sena ilu.

27. Il-Kunsill laqa' lil *Bedford Town Band* li ħadu gost għal mod kif ġew milqugħa għat-tieni darba fi żmien għaxar snin fl-Isptar il-Qadim nhar it-13 ta' Awwissu fejn ukoll kien hemm skambju tar-rigali.

28. Se jkun emendat il-kuntratt tal-ġonna pubbliċi bl-emendi proposti mill-uffiċjal inkarigat mill-*green public procurement.*

29. Is-Sindku ipproponiet ittra konġunta sabiex tkun iffirmata minn diversi sindki biex tittaffa l-problema hekk kif toħroġ mill-mina ta' Ħal Kirkop. Qed ikun propost il-bini ta' *fly over.*

**F'Punti oħra ssemmew:**

30. Il-wi-fi ta' ġnien Tfal ir-Raħal li mhux qed jiffunzjona.

31. Niżlet it-triq quddiem ir-residenza tas-Sur Zammit, fi Triq Valletta u quddiem il-ħanut tal-merċa f'Misraħ il-Fidwa.

32. Il-ħtieġa taz-*zebra cross* fi Triq tas-Sejba

33. Id-deċiżjonijiet li ttieħdu fuq żewg applikazzjonijiet ta' y*ellow line fis-service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Paul Spiteri qal li jrid kopja tal-*e-forms* ta' Transport

Malta filwaqt li Charlene Zammit insistiet li ningħataw b'mod ċar id-deċizjoni tagħhom dwar dawn il-każijiet.

34. Issemmiet il-*bollard* fi Triq San Mikiel u l-problemi bil-vandaliżmu fuq il-katnazz tagħha.

35. Se nivverifikaw jekk hemmx approvazzjoni għal-lampi proposta ta' Triq il-Friefet, u tax-Xatba l-Ħamra.

36. Se tinġibed l-attenzjoni ta' sid ir-residenza ta' Sqaq il-Lanġasa (it-twil) għaliex dan għandu pjanta li qed twaqqa' ħafna fjuri fl-art.

37. Id-Direttorat tal-Indafa Pubblika bagħat lil *Garby and Tidy* sabiex naddfu Triq il-Friefet. Is-Sindku talbet lis-SE jara x'servizzi joffru *Garby and Tidy.*

38. Għadha ma tteħditx deċizjoni dwar jekk għandiex tinqala' s-*sleeping policeman* minn Triq Karmenu Ciantar.

39. Se nitolbu rapport lil *Nexos Street Lighting* dwar ix-*short circuit* li kien hemm fuq lampa tat-toroq fi Triq il-Mitħna peress li qed niġu mfittxija għal ħsarat fuq propjeta' ta' terzi.

40. Il-KLM se jibdel il-kaptelli li hemm quddiem ir-residenza bin-numru 69 fi Triq Sta Katerina għaliex dawn għolew 'il fuq.

41. Se tintbgħat *reminder* lil kuntrattur *Asfaltar Ltd* peress li qed iżomm l-ilma quddiem il-*beautician* fi Triq il-Mitħna u quddiem il-ħanut tax-xagħar fi Triq Sta Katerina.

42. Kien pospost il-kors tal-*parental skills* għal Jannar u l-applikanti se jkunu mitluba jħallsu €10 għal pakkett tan-noti.

43. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 503.

44. Il-laqgħa li jmiss tal-KLM se ssir nhar l-22 ta' Settembru, 2015 fis-6:30pm filwaqt li din spiċċat fid-10:15pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar l-22 ta' Settembru, 2015 minn Dr Charlene Zammit

Segretarju Sindku